# IS-SIĠĠIJIET TAL-KNISJA

**Guido Lanfranco**

Il-knejjes l-antiki li għadhom jeżistu mill-Medju Evu u minn ftit aktar tard kienu ċkejknin bħalma naraw f'diversi bliet u rħula u fil-kampanja. Dawn aħna kemm-il darba ngħidulhom kappelli, għalkemm aħjar jekk nirreferu għalihom bħala knejjes, għax kappelli, antikament, kienu dawk mibnijin imissu ma' knejjes oħra u saħansitra jitniffdu magħhom, sakemm biż-żmien bdew jiffurmaw parti integrali mill-knejjes il-kbar f'għamla ta' kappelluni. Fl-imgħoddi dawn il-knejjes ċkejknin kellhom art imbattma u xejn siġġijiet, imma wħud kellhom bħal bank twil tal-ġebel taħt il-ħitan. Biż-żmien, meta bdew jinbnew il-knejjes kbar, bdew idaħħlu fihom siġġijiet ta' l-injam bil-qigħan tagħhom mimlijin bin-nisġa tas-sogħda. Issa fil-knejjes insibu bankijiet twal u puliti li jitnaddfu malajr u jżommu l-ordni fil-firxa tan-nies li jmorru għall-funzjonijiet u waqt il-ħruġ u d-dħul għat-tqarbin. Iżda fis-snin sittin u sebgħin tas-seklu għoxrin, li kien żmien ta' bidla, kien għad kellna mijiet ta' siġġijiet tas-sogħda, sakemm spiċċaw għal kollox mill-knejjes.

Is-siġġijiet l-antiki fid-djar komuni, tista' tgħid kollha kienu tas-sogħda għax tas-sinjuri biss kellhom kisi bit-tapizzerija. Aktar antikament lanqas siġġijiet ma kellhom fid-djar, imma kienu jaħdmu l-banketti ta' l-injam ta' diversi daqsijiet u għamliet; anzi l-aktar il-foqra, u l-aktar antiki kienu joqogħdu fl-art u ma kellhom xejn ħlief xi ġebla għal min ma jiflaħx jerġa' jqum.

Is-sogħda hija ħaxixa bil-weraq tawwalin, irqaq u b'saħħithom. Fl-Ewropa kienu jobormu dawn il-weraq biex jiffurmaw bħal rumnell jew ħabel irqiq biex jinsġu bihom il-qigħan tas-siġġijiet u l-Maltin tgħallmu jimlew is-siġġijiet bħalhom. Għalkemm għandna diversi speċi ta' sogħda jikbru f'Malta u Għawdex, m'hawnx kwantitajiet u kwalitajiet tajbin biżżejjed, għalhekk is-sogħda kienet tiġi minn Sqallija u timbiegħ bl-użin, bil-qantar. Kien hawn bosta nies jaħdmu billi jimlew is-siġġijiet, kif konna ngħidulhom. Kien hemm mastrudaxxi li jaħdmu biss siġġijiet u jimlewhom għandhom stess jew jgħadduhom lil min jispeċjalizza f'dak ix-xogħol. Triq San Kristofru, il-Belt, kienet magħrufa bħala t-Triq tas-Siġġijiet, għax kien hemm min

jaħdimhom, u jsewwihom, u billi bosta mix-xogħol kien isir barra t-triq, kienu aktar jolqtu l-għajn.

Meta fid-djar bdew deħlin is-siġġijiet u l-għamara tradizzjonali, is-siġġijiet kellhom il-maqgħad mimli bis-sogħda, u s-siġġijiet tal-knejjes kienu jinħadmu hekk ukoll. Fid-djar ta' ftit qabel u fil-bidu tas-seklu għoxrin daħlu wkoll siġġijiet li kellhom is-sogħda tagħhom b'xi kuluri, u minsuġin b'mod li jiffurmaw disinn. Tal-knejjes ma kellhom l-ebda disinji imma xorta waħda kienu puliti.

F'dawn l-istess żminijiet is-siġġijiet fid-djar bdew jieħdu xejra oħra, billi l-maqgħad kien isir ta' l-injam iddisinjat imma tal-knejjes baqgħu jsiru tas-sogħda u ta' sikwit kellhom jissewwew għax is-sogħda kienet tibda tinħall jew tinqata'. Dawn is-siġġijiet kienu joħolqu ħafna ħsejjes fil-knejjes, il-ħin kollu jiżżerżqu ma' l-art u jistabtu, l-aktar meta n-nies iqumu u joqogħdu. Biex jonqsu dawn il-ħsejjes, u biex ma joborxux l-art, is-siġġijiet tal-knisja kienu jsammrulhom biċċtejn ġilda salib mat-tarf ta' kull sieq. Din il-ġilda kienet ta' sikwit tinqala' jew titqatta', għalhekk kultant żmien kienu jinġabru s-siġġijiet f'xi rokna tal-knisja, ineħħulhom il-ġilda l-ħażina, iġibu biċċiet tal-ġilda maqtugħin lesti u jsammruhom salib bit-taċċi mat-truf tas-saqajn.

F'ħafna knejjes, is-siġġijiet kienu jkunu proprjeta tas-sagristan, għalhekk fil-knejjes kienu jsiru żewġ ġabriet, waħda mis-sagristan li kien idur bil-kopp (u wkoll jagħti sitt ħabbiet bqija lil min itih sold!) biex ikollu fondi għall manteniment tagħhom, u ġabra oħra minn membru tal-kleru għall-knisja; dan kien idur bis-satla u ma jagħtix bqija.

Ġie li s-sagristan kien jikri għadd ta' siġġijiet lill-familji meta jkollhom tieġ. Dari t-tiġijiet niftakruhom isiru fid-dar ta' l-għarusa minflok f'sala u kienet drawwa li, filwaqt li l-għarajjes ikollhom siġġijiet speċjali, il-kamra kienet tkun imdawra bis-siġġijiet, kif ukoll kmamar oħrajn imma, billi fid-dar ma kienx ikun hemm siġġijiet biżżejjed, kienu jinkrew oħrajn mill-knisja.

F'xi knejjes, is-sagristan kien ikun aktar imħabbat bis-siġġijiet fi żmien ir-randan. Fir-randan ikun hemm ħafna eżerċizzi, u billi kienu jmorru bosta nies bi ħġarhom, is-sagristan ta' dawn il-knejjes kien ineħħi s-siġġijiet kollha u jrekkinhom stivati fuq xulxin kif tidħol wara l-bieb tal-knisja. Min jidħol għall-eżerċizzi kien

ikollu jagħti x i haġa iis-sagristan biex ikollu siġġu, u did-darba minghajr bqija! Jekk ma tħallasx tibqa' bilwieqfa. Malli jispiċċaw 1-eżerċizzi ta* kmieni, kien jerġa' jiġbor is-siġġijiet kollha, bil-ghajnuna ta* ħaddieħor, biex malajr ikunu lesti għall-eżerċizzi ta' war a, u dakinhar kien idahhal aktar soldi mis-soltu.

Sakemm kien ghad hemm is-siġġijiet fil-knejjes, kien hemm diversi modi kif in¬nies jużawhom. Suppost lissib siġġu u toqghod fuqu, imma hafna kienu dawk li jużaw żewġ siġġijiet; wieħed biex ipoġġu fuqu, 1-ieħorbiex jistrieħu miegħu fiiq quddiem, li fuqu n-nisa kienu jpoġġu 1-basket li dejjem iġorru magħhom. X i mara ħoxna ħafna kienet tieħu żewġ siġġijiet fuq wara biex tpoġġi, u tnejn quddiem biex isserraħ idejha! Meta fil-knejjes makienx hemm dawl biżżejjed, jew għax ikun għadu ma sebaħx u t-twieqi jkunu għadhom mhux qedi dawluj ew għax il-knisja tkun mudlama minnha stess, kien hemm minjieħu biċċa xemgħa qasira miegħu fil-knisja, jixgħelha, qattar ftit mix-xemgħa fuq dahar is-siġġu u jwahħalha hemm biex ikun jista' jaqra t-talb minn fuq il-ktieb. Dawn 1-individwi kienu ftit, għax mhux kulħadd kien jaf jaqra; anzi kienet issir ir-reċta tar-Rużarju filwaqt li ċ-ċelebrant ikun qed iqaddes u jaqra bil-Latin.

Is-siġġijiet tal-knisja kollha kienu jagħmlulhom biċċa njama djagonali li tinżel mal-ġnub minn wara tal-maqgħad s'isfel tas-saqajn ta' quddiem; dangħaliex minflok jinżlu għarkobbtejhom waqt 1-elevazzjoni, bosta anzjani u oħrajn għażżenin, kienu jxenglu s-siġġu ta' taħthom 'il quddiem biex jistrieħ fuq is-saqajn ta' quddiem, u fdik il-qagħda, il-piż iżegleg il-minċotti tas-siġġu. Meta kien ikun hemm funzjoni fil-knisja li kienet tiġbed in-nies (bhal dik ta' nhar il-óimgha 1-Kbira wara nofsinhar), x i ommijiet kienu jibaghtu lit-tifla jew lit-tifel ipoġġi fuq siġġu biex b'hekk jirriżervaw post. Oħrajn kienu iħallikiekujagħmluhom tagħhom is-siġġijiet, u jorbtu tnejn flimkien biex ikunu riżervati. Mgħandniex xi ngħidu, aġir bħal dan kien jaqla' 1-inkwiet. Imma biċċa nkwiet oħra kienet li fil-maqgħad tas-sogħda (li x i drabi kienu jsejhulu kannape') kienu jbejtu 1-baqq, u meta dawn iħossu s-sħana joħorġu jfittxu d-demm tad-devoti! Meta jmorru lura d-dar bosta nies kienu jiehdu 1-baqqa magħhom bla ħsieb, waqt li oħrajn jifirxuhom mid-dar ghall-knisja; b'hekk is-sogħda tas-siġġijiet kienet bejta ghammiela!